**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 193/2017 CFF**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Chantelle Casha)**

**vs**

**Raquela Spiteri**

**Illum 25 ta' Jannar 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Raquela Spiteri ta' 45 sena, bint Mary Rose xebba Spiteri, imwielda Pieta' nhar l-20 ta' Frar, 1971 u residenti fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin jew 99 Triq od-Dejqa Valletta u detentrici tal-karta ta' identita numru 118271(m)

Akkuzata talli: nhar 05/11/2016, ghal habta ta' 18:00Hrs gewwa il-Facilita Korretiva ta' Kordin:

1. Minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car ikkagunajt hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Simone Grixti u cioe griehi ta' natura gravi jew igibilha disordni f'mohha hekk kif iccertifikat minn Dr. Milos Rakic Reg.No.3509 mill-Facilita Korretiva ta' Kordin.

2. U aktar talli fl-istess data hin lok u cirkostanzi hebbejt ghall-persuna ta' Simone Grixti sabiex, tingurjaha, idejaqa jew tghamillha hsara kemm il-darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodici bi ksur tal-Artikli 339 (d) tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9.

3. U aktar talli attakajt jew ghamilt rezistenza bi vjolenza je b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra il-persuna u cioe WCO26 Janice Azzopardi, inkarigata skond il-ligi minn servizz mill-awtorita kompetenti.

4. U aktar talliikagunajt feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' WCO26 Janice Azzopardi skond kif icertifikat minn Dr. Milos Rakic Reg.No.3509 mill-Facilita Korretiva ta' Kordin.

Il-Qorti hi gentilment mitluba li tapplika l-artikolu 33A tal-Kodici Kriminali tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mituba li f'kaz ta' htija titratta lil-impuatata Raquela Spietri bhala persuna li sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49,50 tal-Kodici Kriminali tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi kienu moghtija lil Raquela Spiteri u li saru definittivi u ma jistghaux jigu mibdula

IL-Qorti hija wkoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 (1) tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali biex din il-Qorti titratta l-kawza bi procedura sommarja.

l-Ufficjal Prosekutur qrat u ikkonfermat bil-gurament l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' l-imputata fis-seduta datata 5 ta' Ottubru, 2017.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', seba' (7) ritratti mmarkati bhala Dok JA1 sa Dok JA8, certifikat mediku mmarkat bhala Dok CC,1, xahar immarkat bhala Dok SG1, certifikat mediku immarkat bhala Dok SG2,kopja ta' rapport immarkata bhala Dok CC2, rifjut ghall parir legali immarkat bhala Dok CC3u stqarrija immarkata bhala Dok CC4, dokument immarkat bhala Dok AV1, dokument immarkat bhala Dok AC1, Notamenti immarkati bhala Dok EB1, zewg sentenzi immarkati bhala Dok POL1 U Dok POL 2, CD immarkata bhala Dok CZ1, rapport immarkat bhala Dok DT1.

Semghet ix-xhieda u cioe lil, Janice Azzopardi, Simone Grixti, WCO 24 Aliston Vassallo, WCO 31 Antointte Camilleri, Care Plan co-ordinator Emalyn Buttigieg, L-ispettur Chantelle Casha, Lieutenant Clint Zahra, Donald Tabone u Raquela Spiteri.

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputata f'dawn il-proceduri iddecidiet li titla' tixhed minn jeddha u tghid li hija peress li giet insultata minn Simone Grixti rigward il-mankament taghha fl-isfond tal-fatt li bhala persuna transgender kienet qed tigi transferred fis-sezzjoni tan-nisa' fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, ma felhitx izjed ghal dawn l-insulti u nizlet ghaliha. Fil-fatt sakemm bdew izommuha l-Correctional Officers, hi u niezla wegghet lil WCO26 Janice Azzopardi. Lil Simone sabitha b'siggu f'idha u wara, l-imputata u hi gew fl-idejn. Il-verzjoni

li tat l-imputat tikkorrobora bis-shih lix-xhieda mtellgha mill-prosekuzzjoni u cioe' dik tal-parti ingurjata Simone Grixti u l-correctional officers li xehedu.

Mill-qari tal-process ma jirrizulta li l-prosekuzzjoni ipprezentat certifikat mediku tal-griehi li sofriet Simone Grixti li jindika li l-griehi li sofriet Simone Grixti huma ta natura gravi. Madanakollu t-tabib Milos Rakic ma ngabx quddiem din il-Qorti biex jahlef ic-certifikati medici prodotti minnu, ghalhekk ghalkemm hemm ix-xhieda ta' Raquela Spiteri l-imputata li tghid li hija giet fl-idejn ma' Simone Grixti, turi biss li kien hemm griehi. Izda fin-nuqqas ta' gurament fuq ic-certifikat il-Qorti ghalkemm issib htija tal-griehi, kif ammessa fix-xhieda ta' l-imputata stess, ma tistax tikklassifika l-griehi bhala gravi, izda tikklassifikhom bhala hfief. Dan fl-isfond tal-fatt ukoll li Simone Grixti ezebiet ix-xaghar li qalet li qactitilha l-imputatha minn rasha, izda ghal dak li jirrigwarda s-snien maqlughin ma gie ipprezentat l-ebda dokument jew ittellghu xhieda biex jghidu kif hija hadet il-kura ghalihom.

Ghal dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni din hija ta' natura kontravvenzjonali. Jirrizulta li l-kontravvenzjoni allegata saret fil-5 ta' Novembru 2016, izda l-imputata giet l-ewwel darba innotifikata b'dawn l-imputazzjonijiet skond ir-riferta ezebita mill-prosekuzzjoni fis-16 ta' Gunju 2017, oltre dan l-akkuzi gew ipprezentati quddiem din il-Qorti fis-26 ta' April 2017. Ghalhekk din l-imputazzjoni hija milquta bil-preskrizzjoni ta' tlett (3) xhur u ghaldaqstant din l-imputazzjoni qed tigi iddikjarata bhala preskritta.

Illi ghal dak li jirrigwarda t-tielet imputazzjoni din tirrizulta minn dak li xehdet WCO26 Janice Azzopardi u l-imputata Raquela Spiteri stess, meta l-istess correctional officer ippruvat tipprova twaqqaf lill-imputata izda din imbuttata bil-konsegwenza li waqghet ma' l-art.

A fol 45 tal-process jirrizulta li Janice Azzopardi hafret lill-imputata ghall-incident li kellha, u peress li r-raba imputazzjoni moghtija ai termini ta' l-Artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u stante li din l-imputazzjoni

titmexxa biss bil-kwerela tal-parti offiza, l-Qorti qed tiehu d-dikjarazzjoni ta' Janice Azzopardi li tixtieq tirtira l-kwerela u l-azzjoni kriminali fil-konfront ta' l-imputata ghalhekk ghal din ir-raguni l-Qorti qed tiddikjara l-procediment ezawrit ghal dak li jirrigwarda din l-imputazzjoni.

Ghal dak li jirrigwarda piena, l-Qorti tqis li f'dan l-istadju mhux idoneju li l-imputata tinghata sentenza ta' habs effettiva u dan ghalkemm il-fedina penali ta' l-imputata hija wahda kopjuza, jidher li l-ahhar trasressjoni saret fis-sena 2011, u dan il-kaz odjern jirrisali sa mill-2016. Il-Qorti setghet tifli l-mod ta' kif qed iggib ruhha l-imputata u jidrilha li qed taghmel dak kollu possibbli biex terga' tidhol lura fis-socjeta' u tghix b'mod onest, tant li anke l-istess imputata iddikjarat fuq domanda tal-Qorti li hija ghandha xoghol fiss u qed taqla flusha, u qed taghmel dak kollu possibbli biex tnaddaf il-kondotta taghha. Dan l-attaggjament il-Qorti tapprezzah ferm u se tirriflettih fil-piena li se taghti lill-imputata.

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-Artikoli 221(1)(3) u 95 tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputata hatja ta' l-ewwel (1) imputazzjoni tar-reat inqas gravi u cioe' li ikkagunat feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Simone Grixti kif kompriza u nvoluta fl-Artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta minflok dak addebitat lill-imputata ai termini ta' l-Artikoli 216 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssibha wkoll hatja tat-tielet (3) imputazzjoni, filwaqt li ma ssibiex hatja tat-tieni (2) imputazzjoni stante li preskritta u tiddikjara r-raba (4) imputazzjoni ezawrita stante li giet irtirata mill-kwerelanta, u bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmel l-ebda reat iehor sa zmien tlett (3) snin mil-lum.**

**Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.**

Illum 25 ta' Jannar 2023

Dr. Caroline Farrugia Frendo

Magistrat

Maria Grech Cardona

Deputat Registratur

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**

**Magistrat**

**Maria Grech Cardona**

**Deputat Registratur**

Illum 25 ta' Jannar 2023